MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 347/2011

**AB**

**vs**

**Avukat Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur legali Nicolette Aquilina li b'digriet tal-4 ta' April 2012 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet ikkuntrattaw zwieg civili f'Malta, fis-sitta u ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u tlieta (26/04/2003), gewwa Marsaxlokk u dana skont ic-certifikat taz-zwieg numru, tlieta, zero sebgha zbarra elfejn u tlieta

(307/2003), liema certifikat jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat d'difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm fuq il-hajja mizzewga kif ukoll fuq id-drittijiet essenzjali taz-zwieg, jew b'amolija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi, in oltre, l-kunsens tal-intimata kien ivvizjat minhabba eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg, izda ghalmet dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi, l-kunsens tal-attur kien inkiseb b'qerq dawr xi kwalita` tal-intimat li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

6. Illi, ghalhekk dan l-imsemmi zwieg huwa null u minghajr effet u dan ai termini ta' artikoli 19 (1) (c), (d), u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Raguni Ghat-Talbiet F'Dawn Il-Proceduri**

Illi l-prezenti proceduri qieghdin isiru sabiex tigi ddikjarata u deciza minn dina l-Onorabbli Qorti li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet huwa null u bla effett fil-ligi u dan ghar-ragunijiet sopra citati u rikonoxxuti fil-ligi.

Talab in vista tas-suespost li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex moghtija kull dikjarazzjoni u provediment mehtieg:

1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg civili ikkontrattat bejn il-partijiet f'Malta, gewwa Marsaxlokk, fis-sitta u ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u tlieta (26/04/2003), huwa null u bla effett fil-ligi u dana ghar-ragunijiet fuq premessi

jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet skont l-Artikolu 19 (1), (c), (d) u (f);

2) Tawtorizza lill-attur illi jirregistra s-sentenza tieghu ta’ dina l-Onorabbli Qorti fir-Registru Pubbliku ta’ Malta ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata, minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Yana Micallef Stafrace u PL Nicolette Aquilina, li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Yana Micallef Stafrace u PL Nicolette Aquilina;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur John Cauchi u l-intimata assenti tas-26 ta’ April 2003 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(c), (1)(d) u (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

**<u>Verzjoni Rikorrent</u>**

Ir-rikorrent jghid li ltaqa’ mal-intimata assenti permezz tal-*internet* meta dahal fuq *site* ta’ tfajliet ta’ nazzjonalita’ Russa li xtaqu relazzjoni serja u dan meta l-istess rikorrent kien ghadu kif spicca minn relazzjoni ta’ hames snin. Ingibed lejn l-intimata mir-ritratt taghha u ghamel kuntatt maghha permezz tal-*email*. Darba fost l-ohrajn din it-tfajla qaltlu li riedet tigi Malta ghal xahar biex issir tafu personalment. Kien ir-rikorrent li hallas ghal dan il-passagg u mill-gurnata li waslet Malta fis-sena 2002, l-intimata baqghet hawn. Il-partijiet izzewgu f’April 2003 u ghall-ewwel tliet snin iz-zwieg kien seren, kwazi minghajr problemi. Izda kif ghaddew erba’ snin miz-zwieg, ir-rikorrent jghid li l-intimata bdiet taghmel pressjoni kbira sabiex iggib ic-cittadinanza. Hu jghid ukoll li hekk kif ghamlet hbiberija ma’ tfajliet ohra ta’ nazzjonalita’ Russa, nbidlet.

Minkejja li r-rikorrent xtaq li l-intimata tahdem fil-hanut tieghu imma l-intimata ma riditx u nsistiet li tahdem x’imkien iehor, kontra x-xewqa ta’ zewgha. Izda peress li beda jaraha mdejjqa, accetta. Kif sabet xoghol, l-attitudni taghha kompliet tinbidel.

Mal-gheluq ta’ hames snin miz-zwieg, l-intimata bdiet tinsisti fuq ic-cittadinanza izda dan il-process dam ftit. Fil-frattemp, bdiet tinsisti mieghu li jkellem lil xi hadd mid-dipartiment tac-cittadinanza biex jghaggel il-process. L-attitudni taghha kompliet tinbidel fis-sens li bdiet tqatta’ hafna hin fuq l-*internet*, bdiet tohrog u kompliet tabbanduna l-facendi tad-dar. L-argumenti ta’ bejniethom komplew jikbru sakemm darba fost l-ohrajn telqet lejn pajjizha u qatt ma regghet giet lura. Ir-rikorrent u l-intimata regghu ltaqghu gewwa r-Russja izda deher car li l-intimata ma kellha ebda intenzjoni li terga’ tigi lura Malta. Il-partijiet ftehmu li kienu ser jigu intavolati proceduri ta’ divorzju gewwa r-Russja pero’ l-intimata mbaghad biddlet fehmtha u qaltlu li kien ahjar li l-proceduri jsiru hawn Malta. Sussegwentement l-intimata qatghet kull kuntatt mieghu.

Ir-rikorrent jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li intavola l-proceduri ta’ annullament ghaliex jemmen li l-intimata dahket bih u ghaddietu biz-zmien.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar is-26 ta’ April 2003 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 6 tal-process.

Ir-rikorrent jibbaza l-kawza tieghu fuq tliet kawzali u ghalhekk, il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddiskuti l-istess *ai termini* tal-verzjoni tal-istess rikorrent li hija l-unika prova li ngabet f’dawn il-proceduri.

Illi dwar Artikolu 19(1)(c) u cioe’ li l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga, ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor**[1] fejn gie dikjarat li “***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***’”. Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine**[2] gie sostnut ukoll li “***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

[1] Deciza nhar id-9 ta’ Dicembru 2002 mill- Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili
[2] Deciza nhar id-09 ta’ Dicembru 2002 mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Il-Qorti tirrileva li huwa minnu li z-zwieg jidher li sar ta' malajr u li l-intimata ma dahlitx ghal dan iz-zwieg bl-intenzjonijiet tajba kif ser jigi diskuss aktar 'il quddiem, pero' mill-affidavit tar-rikorrent (li huwa l-unika prova li ngabet quddiem din il-Qorti), l-istess Qorti ma thossx li gew pruvati l-elementi msemmija fil-gurisprudenza hawn fuq citata u konsegwentement, ma jistax ikun dikjarazzjoni ta' nullita' abbazi ta' din il-klawsola.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li minhabba anomalija psikologika serja l-partijiet kienu inkapaci milli jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[3] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li***

[3] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***”***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[4] “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

Il-Qorti thoss li mix-xiehda tar-rikorrent, jirrizulta bl-aktar mod car li l-istess rikorrent dahal ghal dan iz-zwieg fi zmien meta kien ghadu kif hiereg minn relazzjoni twila u ddecieda li jizzewweg wara zmien verament qasir li kien jaf lill-intimata. Il-Qorti tirrileva li anke l-fatt li r-rikorrent iltaqa’ mal-intimata fuq sit tal-*internet* li huma maghrufa bhala siti li jintuzaw minn tfajliet ta’ nazzjonalita’ barranija sabiex isibu futur ahjar f’pajjiz iehor missu haseb darbtejn dwar il-pass li kien ser jiehu. Ir-rikorrent ma jsemmi xejn dwar jekk fattwalment kienx ihobb lil din it-tfajla jew kif kienet ir-relazzjoni taghhom qabel iz-zwieg, izda dan in-

[4] Deciza nhar id-29 ta’ Mejju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

nuqqas juri wkoll kemm ir-rikorrent dahal ghal dan iz-zwieg b'mod mghaggel u minghajr ma verament haseb dwar dak li kien ser jaghmel.
Ghalhekk, in vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, ir-rikorrent ma kellux id-*discretio judicii* necessarju.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li mill-provi migbura jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku li dan kien zwieg ta' konvenjenza da parti tal-intimata u xejn aktar. Jirrizulta car li l-intimata riedet li jkollha c-cittadinanza doppja u xejn aktar. Dan jirrizulta mill-insistenza taghha li tiehu tali c-cittadinanza u jirrizulta wkoll miz-zmien ta' meta bdew jinqlghu il-problemi bejn il-partijiet. Kienet kumbinazzjoni li ghall-ewwel ftit tas-snin iz-zwieg deher li kien sejjer tajjeb imma li l-maltemp beda jfegg kif kien riesaq iz-zmien li fih l-intimata setghet tapplika ghac-cittadinanza, anzi riedet li tapplika qabel iz-zmien u tant kellha ghaggla biex tiehu l-istess cittadinanza? Il-Qorti thoss li r-risposta ghal din il-mistoqsija hija fin-negattiv.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[5] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament provat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew

[5] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

taghha. Jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimata dahlet ghal dan iz-zwieg purament ghal ragunijiet ta' konvenjenza u xejn aktar filwaqt li l-attur dahal ghal dan iz-zwieg minghajr ma verament irrifletta dwar dak li kien ser jaghmel. F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-kawzi fl-ismijiet **Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**[6] **u Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**[7] fejn gie ritenut li:

"***Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament***".

Issir referenza wkoll ghall-kawzi fl-ismijiet **Mary Rose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim**[8] u **Carmen El Shimi gia Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi**[9] fejn gie ritenut li:

"***Fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop tieghu uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija jew/ u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu***".

Il-Qorti tirrileva li m'ghandha ebda dubju dwar ir-raguni li wasslet lill-intimata sabiex tidhol ghaz-zwieg odjern kienet dik li takkwista c-cittadinanza doppja filwaqt li min-naha tieghu l-attur dahal ghal dan iz-zwieg minghajr ma verament xtarr dak li kien ser jaghmel.

---

[6] Deciza nhar l-10 ta' Ottubru 1995 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[7] Deciza nhar is-16 ta' Jannar 1998 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[8] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[9] Deciza nhar l-20 ta' Gunju 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Att taz-Zwieg.

Bl-ispejjez jinqasmu b’mod ugwali bejn il-partijiet, b’dan li provizorjament il-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------